# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 283

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

29 ta' Ottubru 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1939 tad-9 ta' Ottubru 2015 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Latvijas lielie pelēkie zirņi (DOP)]** ........ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1940 tat-28 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' skleroti tal-ergotina f'ċerti ċereali mhux ipproċessati u id-dispożiżżjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar** ([1]) ........ 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1941 tat-28 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 7

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1942 tas-26 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex testendi l-programm tal-AGOA** ........ 9

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1943 tas-27 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri protettivi kontra l-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja** *(notifikata bid-dokument C(2015) 7330)* ([1]) ........ 11

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1944 tat-28 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku** ........ 13

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 303/14/COL tal-15 ta' Lulju 2014 li tawtorizza lin-Norveġja li tidderoga minn ċerti regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE kif emendat) [2015/1945]** ............ 18

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 545/14/COL tat-8 ta' Diċembru 2014 li tawtorizza lill-Iżlanda biex tidderoga minn ċerti regoli komuni ta' sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, kif emendata) u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 362/14/COL tal-14 ta' Settembru 2014 [2015/1946]** .............................. 22

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1939

**tad-9 ta' Ottubru 2015**

**li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Latvijas lielie pelēkie zirņi (DOP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni mil-Latvija għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Latvijas lielie pelēkie zirņi" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012; id-denominazzjoni "Latvijas lielie pelēkie zirņi" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Latvijas lielie pelēkie zirņi" (DOP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni speċifikata fl-ewwel paragrafu tidentifika prodotti fil-Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 189, 6.6.2015, p. 11.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1940**

**tat-28 ta' Ottubru 2015**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' skleroti tal-ergotina f'ċerti ċereali mhux ipproċessati u id-dispożiżżjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistabbilixxi livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.

(2) Il-Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel (CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adotta opinjoni dwar l-alkalojdi tal-ergotina fl-ikel u fl-għalf ([3]). Il-Bord CONTAM stabbilixxa doża akuta ta' referenza ta' grupp ta' 1 µg/kg ta' piż tal-ġisem ("b.w.") u doża tollerabbli ta' kuljum ta' grupp ta' 0,6 µg/kg b.w.

(3) Il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina fil-ħbub tal-qamħ hija sa ċertu punt marbuta mal-preżenza ta' skleroti tal-ergotina fil-ħbub tal-qamħ. Din ir-rabta mhijiex assoluta, hekk kif l-alkalojdi tal-ergotina jistgħu wkoll ikunu preżenti fi trab minn skleroti tal-ergotina assorbita fil-ħbub tal-qamħ. Għaldaqstant huwa importanti li jkunu stabbiliti livelli massimi ta' skleroti tal-ergotina bħala l-ewwel pass filwaqt li tinġabar iktar dejta dwar il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali. Madankollu huwa rikonoxxut li l-konformità mal-livell massimu ta' skleroti tal-ergotina mhix neċessarjament garanzija tas-sikurezza tal-ikel fejn tidħol il-preżenza ta' alkalojdi tal-ergotina. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri xierqa, f'konformità mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), biex jimponu restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq tal-ikel jew biex jeżiġu l-irtirar ta' tali ikel mis-suq, meta l-ikel jinstab li huwa perikoluż minħabba l-livell ta' alkalojdi tal-ergotina, minkejja l-konformità mal-livell massimu ta' skleroti tal-ergotina.

(4) Hemm bżonn jiġi speċifikat f'liema stadju tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom japplikaw il-livelli massimi għall-iskleroti tal-ergotina minħabba li l-operazzjonijiet ta' tindif u issortjar jistgħu jnaqqsu l-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina Huwa xieraq li l-livelli massimi għall-iskleroti tal-ergotina għall-ħbub tal-qamħ jiġu applikati fl-istess stadji ta' kummerċjalizzazzjoni bħal dawk għal mikotossini oħra.

(5) L-esperjenza mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 turi li huwa xieraq li jkun iċċarat it-terminu "ipproċessar tal-ewwel stadju", b'mod partikolari fejn jidħlu s-sistemi integrati ta' produzzjoni u pproċessar u fejn jidħol it-togħrik.

(6) Huwa importanti li tinġabar dejta dwar il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali sabiex tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina u l-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina. Is-sejbiet dwar l-alkalojdi tal-ergotina għandhom jiġu rrapportati sat-30 ta' Settembru 2016 sabiex jippermettu d-definizzjoni ta' livelli massimi ta' alkalojdi tal-ergotina xierqa u li jistgħu jinkisbu, filwaqt li jkun ipprovdut livell għoli biex titħares is-saħħa tal-bniedem.

(7) Għalkemm huwa importanti li l-miżuri ta' prevenzjoni ikomplu japplikaw biex tkun imnaqqsa u evitata il-kontaminazzjoni mill-okratossina A, mhuwiex meħtieġ ir-rappurtaġġ annwali dwar is-sejbiet, l-eżitu ta' investigazzjonijiet u l-progress fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni. Huwa xieraq li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar kif previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
([3]) Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-EFSA (CONTAM); Scientific Opinion on Ergot alkaloids in food and feed. EFSA Journal 2012;10(7):2798. [158 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2798. Disponibbli hawn: www.efsa.europa.eu/efsajournal
([4]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Monitoraġġ u rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-livelli tan-nitrati fil-ħxejjex li jista' jkun fihom livelli sinifikanti, b'mod partikolari l-ħxejjex ħodor b'ħafna weraq, u jikkomunikaw ir-riżultati fuq bażi regolari lill-EFSA.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sommarju tas-sejbiet dwar l-aflatossini li jkunu nġabru skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 (*) u d-dejta tal-okkorrenzi individwali għandha tiġi rrapurtata lill-EFSA mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati professjonali għandhom jikkomunikaw, kull sena, ir-riżultati tal-investigazzjonijiet li jsiru lill-Kummissjoni u l-progress fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni bl-okratossina A, id-deossinivalenol, iz-zearalenon, il-fumonisin B1 u B2, T-2 u t-tossina HT-2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn ir-riżultati disponibbli għall-Istati Membri. Id-dejta relatata dwar l-okkorrenza għandha tiġi rrapurtata lill-EFSA.

4. L-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali huma rakkomandati bil-kbir biex jissorveljaw il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali.

L-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali huma rakkomandati bil-kbir biex jirrappurtaw lill-EFSA r-riżultati tagħhom dwar l-alkalojdi tal-ergotina sat-30 ta' Settembru 2016. Dawk ir-riżultati għandhom jinkludu d-dejta tal-okkorrenza u informazzjoni speċifika dwar ir-rabta bejn il-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina u l-livell ta' alkalojdi tal-ergotina individwali.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn ir-riżultati disponibbli għall-Istati Membri.

5. Id-dejta ta' okkorrenza dwar kontaminanti oħra barra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 miġbura mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali tista' tiġi rrapurtata lill-EFSA.

6. Id-dejta ta' okkorrenza għandha tkun ipprovduta lill-EFSA fil-format tal-preżentazzjoni tad-dejta tal-EFSA f'konformità mar-rekwiżiti tal-gwida tal-EFSA 'Guidance on Standard Sample Description (SSD) for Food and Feed' (**) u r-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi tar-rappurtar tal-EFSA għall-kontaminanti speċifiċi. Id-dejta tal-okkorrenza minn organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati professjonali tista' tingħata lill-EFSA, jekk xieraq, f'format ta' preżentazzjoni tad-dejta simplifikata, definit mill-EFSA.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 tat-13 ta' Awwissu 2014 li jimponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel minn ċertu pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 (ĠU L 242, 14.8.2014, p. 4).

(**) http://www.efsa.europa.eu/en/datex/datexsubmitdata.htm"

(2) L-Anness huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta’ Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima 2, tiżdied l-entrata 2.9 li ġejja:

| | | |
|---|---|---|
| "2.9 | **Skleroti tal-ergotina u alkalojdi tal-ergotina** | |
| 2.9.1. | Skleroti tal-ergotina | |
| 2.9.1.1. | Ċereali mhux ipproċessati ([18]) ħlief il-qamħirrun u r-ross | 0,5 g/kg (*) |
| 2.9.2. | Alkalojdi tal-ergotina (**) | |
| 2.9.2.1. | Ċereali mhux ipproċessati ([18]) ħlief il-qamħirrun u r-ross | — (***) |
| 2.9.2.2. | Prodotti taċ-ċereali mitħunin ħlief il-qamħirrun u l-prodotti tat-tħin tar-ross | — (***) |
| 2.9.2.3. | Ħobż (inkluż l-oġġetti tal-ikel żgħar moħmija), il-ħelu bl-għaġina, il-gallettini, l-isnacks taċ-ċereali, iċ-ċereali tal-kolazzjon u l-għaġin | — (***) |
| 2.9.2.4. | Ikel ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar | — (***) |

(*) It-teħid ta' kampjuni għandu jsir f'konformità mal-punt B tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12).
L-analiżi għandha titwettaq minn eżami mikroskopiku.

(**) It-total ta' 12-il alkalojda tal-ergotina: ergokristina/ergokristinina; ergotammina/ergotaminina; ergokriptina/ergokriptinina; ergometrina/ergometrinina; ergosina/ergosinina; ergokornina/ergokorninina.

(***) Livelli massimi xierqa u li jistgħu jinkisbu, li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, għandhom jiġu kkunsidrati għal dawn il-kategoriji tal-ikel rilevanti qabel l-1 ta' Lulju 2017."

(2) In-nota 18 f'qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

"([18]) Il-livell massimu japplika għaċ-ċereali mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq għall-ipproċessar ta l-ewwel stadju.

'L-ipproċessar tal-ewwel stadju' ifisser kull trattament fiżiku jew termali, li mhux tnixxif, tal-qamħa jew fuqha. Il-proċeduri tat-tindif, inkluż it-togħrik, tal-issortjar u tat-tnixxif mhumiex meqjusa bħala 'pproċessar tal-ewwel stadju' minħabba li l-qalba tal-qamħa tinżamm intatta wara t-tindif u l-issortjar.

It-togħrik huwa t-tindif taċ-ċereali billi jiġi bbraxxjat jew jingħorok b'mod vigoruż.

F'każ li t-togħrik isir fil-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina, iċ-ċereali jridu jgħaddu minn stadju ta' tindif qabel it-togħrik. Dan t-togħrik, li jsir flimkien ma' aspiratur tat-trab, jiġi segwit minn issortjar ibbażat fuq il-kulur qabel it-tħin.

Sistemi integrati ta' produzzjoni u pproċessar tfisser sistemi fejn il-lottijiet kollha li deħlin ta' ċereali jitnaddfu, jiġu ssortjati u pproċessati fl-istess stabbiliment. F'tali sistemi integrati ta' produzzjoni u pproċessar, il-livell massimu japplika għaċ-ċereali mhux ipproċessati wara t-tindif u l-issortjar iżda qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju.

L-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw il-konformità permezz tal-proċedura tal-HACCP tagħhom fejn, permezz tagħha, f'dan punt kritiku ta' kontroll tiġi stabbilita u implimentata proċedura effettiva ta' monitoraġġ."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1941

## tat-28 ta' Ottubru 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 44,1 |
| | MA | 94,4 |
| | MK | 57,3 |
| | TR | 107,9 |
| | ZZ | 75,9 |
| 0707 00 05 | AL | 50,7 |
| | TR | 112,1 |
| | ZZ | 81,4 |
| 0709 93 10 | MA | 124,7 |
| | TR | 146,0 |
| | ZZ | 135,4 |
| 0805 50 10 | AR | 130,2 |
| | TR | 108,6 |
| | UY | 83,2 |
| | ZA | 133,8 |
| | ZZ | 114,0 |
| 0806 10 10 | BR | 281,6 |
| | EG | 210,3 |
| | LB | 234,5 |
| | MK | 68,5 |
| | PE | 75,0 |
| | TR | 176,1 |
| | ZZ | 174,3 |
| 0808 10 80 | AL | 23,1 |
| | AR | 137,9 |
| | CL | 106,3 |
| | NZ | 139,1 |
| | ZA | 147,2 |
| | ZZ | 110,7 |
| 0808 30 90 | TR | 135,5 |
| | ZZ | 135,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1942

**tas-26 ta' Ottubru 2015**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex testendi l-programm tal-AGOA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") jistabbilixxu l-proċeduri għall-eżenzjonijiet li jikkonċernaw il-Ftehimiet Multilaterali dwar il-Kummerċ fl-Anness 1A jew 1B jew 1C tal-Ftehim tad-WTO u l-annessi tagħhom.

(2) L-Istati Uniti ngħataw eżenzjoni mill-obbligi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("GATT 1994") fis-27 ta' Mejju 2009 li tkopri l-perijodu sat-30 ta' Settembru 2015.

(3) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, l-Istati Uniti ressqu talba għal eżenzjoni tal-obbligi tagħhom taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-GATT 1994 sat-30 ta' Settembru 2025, sa fejn ikun neċessarju biex l-Istati Uniti jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu trattament mingħajr dazju għal prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-Afrika sub-Saħarjana magħżula skont l-Att Afrikan dwar it-Tkabbir u l-Opportunitajiet (AGOA).

(4) L-aċċettazzjoni tat-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO ma jaffettwa negattivament la l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u lanqas ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-benefiċjarji tal-eżenzjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni b'mod ġenerali tappoġġa azzjonijiet li jtaffu l-faqar u jippromwovu l-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fil-pajjiżi tal-benefiċjarji.

(5) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex tkun appoġġjata t-talba għal eżenzjoni mill-Istati Uniti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li tappoġġa t-talba tal-Istati Uniti biex ikunu eżentati mill-obbligi tagħhom taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 sat-30 ta' Settembru 2025 f'konformità mat-termini tat-talba għal eżenzjoni mill-Istati Uniti.

Din il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. DIESCHBOURG

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1943

## tas-27 ta' Ottubru 2015

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE billi testendi l-periodu ta' applikazzjoni tal-miżuri protettivi kontra l-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja

*(notifikata bid-dokument C(2015) 7330)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u partikolarment l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE ([3]) stabbiliet ċerti miżuri protettivi wara notifiki mill-Italja dwar l-okkorrenza tal-koleotteru tal-ġabsala (*Aethina tumida*) fir-reġjuni tal-Kalabrija u ta' Sqallija. Hija applikabbli sat-30 ta' Novembru 2015.

(2) Fis-16 ta' Settembru 2015, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi mwettqa skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE, kif ukoll is-sorveljanza attiva fir-rigward tal-okkorrenza tal-koleotteru tal-ġabsala fir-reġjuni Taljani kkonċernati, instabu infestazzjonijiet ġodda fil-Kalabrija.

(3) L-istandards internazzjonali stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) jirrakkomandaw stħarriġ annwali li għandu jitwettaq qabel ma żona terġa' tikseb l-istatustagħha ta' żona ħielsa mill-infestazzjonijiet. Huwa diffiċli li jiġu stabbiliti eżatt l-iżviluppi epidemjoloġiċi tal-infestazzjonijiet tal-koleotteru tal-ġabsala peress li s-sintomi jistgħu jgħaddu mingħajr ma jinduna ħadd bihom u infestazzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jaffettwaw ukoll kolonji tan-naħal selvaġġi. L-infestazzjonijiet irrappurtati qabel fl-Italja, fl-2014, ġew identifikati matul il-ħarifa, bejn Settembru u Diċembru. Għalhekk, l-istħarriġ annwali attwali u futur għandu jkopri l-perjodu kollu tal-ħarifa tal-2015 u l-2016, rispettivament.

(4) Fid-dawl tal-fatt li s-sitwazzjoni epidemjoloġika f'dawn ir-reġjuni tal-Italja għadha ma ġietx stabbilita filwaqt li jonqos informazzjoni dwar l-istħarriġ attwali u futur, huwa saħansitra meħtieġ li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-miżuri previsti fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/909/UE b'xi xhur wara t-tmiem mistenni tal-istaġun tat-trobbija tan-naħal li jmiss fi tmiem Novembru 2016.

(5) Il-perjodu ta' applikabbiltà u l-miżuri fis-seħħ għandhom jiġu riveduti fi kwalunkwe waqt fid-dawl ta' informazzjoni ġdida dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika tar-reġjuni Taljani milquta.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE għandha tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Deċizjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-okkorrenzi konfermati tal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 161).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Marzu 2017."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1944

## tat-28 ta' Ottubru 2015

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/807/UE ([2]) tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi obbligu ta' ħatt l-art għas-sajd pelaġiku sabiex jitnaqqsu l-livelli għolja preżenti ta' qabdiet mhux mixtieqa u biex, gradwalment, jiġi eliminat l-iskartar tal-ħut. Id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art huma stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1393/2014 ([4]) li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Majjistral u fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 ([5]) li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd pelaġiku f'ilmijiet tal-Lbiċ. Il-konformità mal-obbligu tal-ħatt l-art trid tiġi kkontrollata u spezzjonata. Għaldaqstant, l-ispeċijiet pelaġiċi żgħar imsemmija fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jiġu inklużi f'dan il-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni sabiex l-Istati Membri kkonċernati jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza b'mod effiċjenti u effettiv.

(3) Il-kavalli u l-aringi huma speċi migratorji li ssibhom f'ħafna nħawi. Sabiex jiġu armonizzati l-proċeduri ta' kontroll u ta' spezzjoni għas-sajd għall-kavalli u l-aringi fl-ibħra li jmissu mal-ilmijiet tal-Punent, ikun f'loku li fil-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni tiġi inkluża t-Taqsima IVa tal-ICES kif iddefinita fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(4) Ikun f'loku wkoll li l-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni jibqa' jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2018 biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi matul l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 ([7]), u b'mod partikulari t-Titolu IIIa tiegħu, jistabbilixxi miżuri għat-tnaqqis tar-rimi. Il-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għandu jiżgura l-konformità mal-projbizzjoni ta' selezzjoni kwalitattiva fejn jogħla l-prezz, mad-dispożizzjonijiet dwar l-ispustament tal-bastimenti biex imorru jistadu xi mkien ieħor u mal-projbizzjoni li l-ħut jitħalla jaħrab.

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/807/UE tad-19 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 350, 20.12.2012, p. 99).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1393/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Majjistral (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 25).

([5]) Ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 31).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

(6) Skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/305/UE ([1]) u 2013/328/UE ([2]) li jistabbilixxu programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għall-Baħar Baltiku u għall-Baħar tat-Tramuntana, rispettivament, l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. Ir-rappurtar dwar il-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent għandu jsir bl-istess mod, jiġifieri fuq bażi annwali.

(7) Matul il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, in-Norveġja u l-Gżejjer Faroe dwar il-ġestjoni tal-kavalli għall-2015, il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni tal-ħatt l-art tal-aringi, tal-kavalli u tas-sawrell tnaqqsu b'mod konsiderevoli minħabba li minn issa 'l quddiem dawn se jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju, u l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għall-ħatt l-art tal-istokkafixx. Il-punti ta' riferiment fil-mira fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE għandhom, għalhekk, jiġu emendati skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE hija emendata kif ġej:

(1) It-Titolu jinbidel b'dan li ġej:

**"Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/807/UE tad-19 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għas-sajd pelaġiku fl-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku u fil-Parti ta' Fuq tal-Baħar tat-Tramuntana"**

(2) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni applikabbli għall-istokkijiet tal-kavalli, tal-aringi, tas-sawrell, tal-istokkafixx, tal-pixxitrumbetti, tal-inċova, tal-arġentini, tas-sardin u tal-laċċ ikħal fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni tal-ICES V, VI, VII, VIII u IX u fl-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.11 (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'Ilmijiet tal-Punent'), kif ukoll għall-kavalli u għall-aringi fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni tal-ICES IVa (minn hawn 'il quddiem 'il-Parti ta' Fuq tal-Baħar tat-Tramuntana')."

(3) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni japplika sal-31 ta' Diċembru 2018."

(4) Fl-Artikolu 3(2), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) l-obbligi ta' rappurtar li japplikaw għal attivitajiet tas-sajd fl-Ilmijiet tal-Punent u fil-Parti ta' Fuq tal-Baħar tat-Tramuntana, b'mod partikolari l-affidabbiltà tal-informazzjoni rreġistrata u rrappurtata;"

(5) Fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha ta' speċijiet li huma soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u l-miżuri biex jitnaqqas ir-rimi tal-ħut previst fit-Titolu IIIa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 (**)

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1);"

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/305/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u ta' spezzjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-merluzz, tal-aringi, tas-salamun u tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku (ĠU L 170, 22.6.2013, p. 66).

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/328/UE tal-25 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-merluzz, tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak, fil-Kanal tal-Lvant, fl-ilmijiet fil-punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 61).

(6) Fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Mill-2016 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi annwali, u dan għandhom jagħmluh sal-31 ta' Jannar wara kull sena kalendarja."

(7) L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS II*

**PUNTI TA' RIFERIMENT FIL-MIRA**

## 1. Il-livell ta' spezzjonijiet fuq il-baħar (inkluż is-sorveljanza mill-ajru, fejn applikabbli)

Fuq bażi annwali, għandhom jintlaħqu l-punti ta' riferiment fil-mira ([1]) li ġejjin għall-ispezzjonijiet fuq il-baħar ta' dawk il-bastimenti li jistadu għall-aringi, il-kavalli, is-sawrell, l-inċova u l-istokkafixx fiż-żona, u dan fil-każ li l-ispezzjonijiet fuq il-baħar ikunu rilevanti b'rabta mal-fażi fil-katina tas-sajd u fil-każ li jkunu jiffurmaw parti mill-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju:

| Punti ta' riferiment kull sena (*) | Il-livell ta' riskju stmat għal bastimenti tas-sajd skont l-Artikolu 5(2) | |
|---|---|---|
| | għoli | għoli ħafna |
| Tip ta' sajd Nru 1<br>Aringi, kavalli u sawrell | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 7,5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat |
| Tip ta' sajd Nru 2<br>Inċova | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 2,5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat |
| Tip ta' sajd Nru 3<br>Stokkafixx | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat | Spezzjoni fuq il-baħar ta' mill-inqas 7,5 % tal-vjaġġi tas-sajd minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' li għandhom fil-mira s-sajd ikkonċernat |

(*) espressi f'% tal-vjaġġi tas-sajd fiż-żona (meta jsir sajd bi rkaptu bil-malji tax-xbieki fejn l-ispeċi tkun waħda fil-mira) minn bastimenti tas-sajd b'riskju għoli jew għoli ħafna, abbażi ta' kull sena

## 2. Il-livell ta' spezzjonijiet fuq l-art (inklużi l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dokumentati fil-portijiet jew fil-punt tal-ewwel bejgħ)

Fuq bażi annwali, għandhom jintlaħqu l-punti ta' riferiment fil-mira ([2]) li ġejjin għall-ispezzjonijiet fuq l-art (inkluż il-kontrolli u l-ispezzjonijiet iddokumentati fil-portijiet jew fil-punt tal-ewwel bejgħ) ta' bastimenti tas-sajd u ta' operaturi oħra involuti fis-sajd tal-aringi, tal-kavalli, tas-sawrell, tal-inċova u tal-istokkafixx fiż-żona, fil-każ li l-ispezzjonijiet fuq l-art ikunu rilevanti b'rabta mal-fażi fil-katina tas-sajd/tal-kummerċjalizzazzjoni u fil-każ li jkunu jiffurmaw parti mill-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju.

| Punti ta' riferiment kull sena (*) | Il-livell tar-riskju stmat għal bastimenti tas-sajd u/jew għal operaturi oħra (l-ewwel xerrej) | |
|---|---|---|
| | għoli | għoli ħafna |
| Tip tas-sajd Nru 1<br>Aringi, kavalli u sawrell | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 7,5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' 'riskju għoli' | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 7,5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' |
| Tip tas-sajd Nru 2<br>Inċova | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 2,5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' 'riskju għoli' | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' |

([1]) Għall-bastimenti li jdumu inqas minn 24 siegħa fuq il-baħar f'kull vjaġġ tas-sajd, u skont l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju, il-punti ta' riferiment fil-mira jistgħu jitnaqqsu bin-nofs.

([2]) Għall-bastimenti li jħottu l-art inqas minn 10 tunnellati ma' kull ħatt, u skont l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju, il-punti ta' riferiment fil-mira jistgħu jitnaqqsu bin-nofs.

| Punti ta' riferiment kull sena (*) | Il-livell tar-riskju stmat għal bastimenti tas-sajd u/jew għal operaturi oħra (l-ewwel xerrej) | |
|---|---|---|
| | għoli | għoli ħafna |
| Tip tas-sajd Nru 3<br>Stokkafixx | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 7,5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' 'riskju għoli' | Spezzjoni fil-port ta' mill-inqas 7,5 % tal-kwantitajiet totali li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'livell ta' riskju 'għoli ħafna' |

(*) espressi f'% tal-kwantitajiet li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd b'riskju għoli/għoli ħafna, abbażi ta' kull sena

Spezzjonijiet li jsiru wara l-ħatt l-art jew wara t-trasbord għandhom jintużaw, b'mod partikolari, bħala mekkaniżmu ta' kontroverifika biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tal-informazzjoni rreġistrata u rrappurtata għall-qabdiet u għall-ħatt l-art."

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 303/14/COL**

**tal-15 ta' Lulju 2014**

**li tawtorizza lin-Norveġja li tidderoga minn ċerti regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE kif emendat) [2015/1945]**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 14(6) u (7) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII għall-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011,

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE kif emendat;

u l-punt FCL.740.A tal-Anness I tal-Att imsemmi fil-punt 66ne tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 146/2013 tal-15 ta' Lulju 2013,

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat;

it-tnejn kif adattati għall-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014.

Billi:

(1) In-Norveġja talbet li taplika ċerta deroga mir-regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili inklużi fir-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(2) F'konformita mal-Artikolu 14(7) ta' dak ir-Regolament, kif adattat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA evalwat il-ħtieġa għad-deroga mitluba, u l-livell ta' protezzjoni li joħroġ minnha, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. L-Awtorità tikkonkludi li l-varjazzjoni se tipprovdi għal livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tar-regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. L-evalwazzjoni tad-deroga, u l-kundizzjonijiet marbuta mal-applikazzjoni tagħhom, huma deskritti fl-Anness ta' din id-deċiżjoni li tawtorizza d-deroga.

(3) F'konformita mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, deroga mogħtija lil Stat Membru wieħed għandha tkun notifikata lill-Istati Membri kollha, li għandhom ikunu intitolati wkoll li japplikaw dik id-deroga.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 u l-punt 3 ittri (a) u (e) tal-Anness tiegħu, it-terminu "Stat(i) Membru/i" għandu jiġi mifhum li qed jinkludi, b'żieda mat-tifsira tiegħu fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA; u l-Kummissjoni Ewropea tikkomunika l-informazzjoni dwar tali deċiżjoni li tkun waslet mingħand l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE.

(5) Din id-deċiżjoni għandha għalhekk tiġi notifikata lill-Istati kollha tal-EFTA, u lill-Kummissjoni Ewropea biex tiġi kkomunikata lill-Istati Membri tal-UE.

(6) Id-deskrizzjoni tad-deroga, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta magħha, għandhom ikunu tali li jippermettu lil Stati Membri oħra fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattati, li japplikaw dik il-miżura meta dawn isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni ulterjuri mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew il-Kummissjoni, skont il-każ. Madankollu, l-Istati Membri fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, għandhom jinnotifikaw l-applikazzjoni tad-derogi peress li jista' jkollhom effetti barra dak l-Istat.

(7) Il-miżuri li jsir provvediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

In-Norveġja tista' tidderoga mir-rekwiżiti fil-punt FCL.740.A tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 kif emendat, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri kollha fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, ikunu intitolati japplikaw l-istess miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u suġġett għall-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lin-Norveġja. Hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein, lin-Norveġja u lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Helga JÓNSDÓTTIR | Xavier LEWIS |
| *Membru tal-Kulleġġ* | *Direttur* |

*ANNESS*

**DEROGA MIR-RENJU TAN-NORVEĠJA MIR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1178/2011** ([1]) **FIR-RIGWARD TA' SIGĦAT SPEĊIFIĊI TA' TITJIR GĦAL ĊERTI KLASSIFIKAZZJONIJIET TA' KATEGORIJA**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Il-Punt FCL.740.A(b) tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jistipula kif ġej:

"(b) Validazzjoni mill-ġdid ta' klassifikazzjoni tal-klassi ta' magna waħda u bi bdot wieħed.

(1) Klassifikazzjonijiet tal-klassi ta' ajruplani b'magna waħda bil-pistin u klassifikazzjoni tat-TMG. Għall-validazzjoni mill-ġdid ta' klassifikazzjoni tal-klassi ta' ajruplani bi bdot wieħed u b'magna waħda bil-pistin jew klassifikazzjoni tal-klassi tat-TMG, l-applikant għandu:

(i) fi żmien 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tal-klassifikazzjoni, jgħaddi minn kontroll tal-profiċjenza fil-klassi rilevanti skont l-Appendiċi 9 ta' din il-Parti ma' eżaminatur; Jew

(ii) fi żmien 12-il xahar qabel id-data ta' skadenza tal-klassifikazzjoni, iwettaq 12-il siegħa ta' ħin ta' titjir fil-klassi rilevanti, inklużi:

— sitt (6) sigħat bħala PIC,

— 12-il telgħa u 12-il inżul l-art,

— titjira ta' taħriġ ta' mill-inqas siegħa ma' għalliem tat-titjir (FI) jew ma' għalliem tal-klassifikazzjoni tal-klassi (CRI). L-applikanti jkunu eżentati minn din it-titjira jekk ikunu għaddew minn verifika ta' profiċjenza ta' klassifikar ta' klassi jew ta' tip jew test ta' ħiliet fi kwalunkwe klassi oħra jre tip ta' ajruplan.

(2) Meta l-applikanti jkollhom kemm klassifikazzjoni tal-klassi ta' ajruplan fuq l-art b'magna waħda bil-pistin u klassifikazzjoni ta' TMG, dawn jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' (1) f'kull klassi, u jiksbu validazzjoni mill-ġdid taż-żewġ klassifikazzjonijiet.

(3) Ajruplani turboprop bi bdot wieħed u b'magna waħda. Għall-validazzjoni mill-ġdid tal-klassifikazzjonijiet tal-klassi ta' turbopropp b'magna waħda, l-applikanti għandhom jgħaddu minn kontroll tal-profiċjenza dwar il-klassi rilevanti skont l-Appendiċi 9 ta' din il-Parti ma' eżaminatur, fi żmien 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tal-klassifikazzjoni."

Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Diċembru 2013, il-Gvern tar-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") innotifika lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") u lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga minn din id-dispożizzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fuq il-bażi tal-Artikolu 14(6) tar- Regolament (KE) Nru 216/2008 kif emendat ([2]).

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

## 2.1. Il-bżonn

L-Awtorità tqis li jkun xieraq li tippermetti l-ikkreditar trasversali ta' xi ħinijiet speċifikati ta' titjir fl-ajruplani li jaqgħu taħt il-klassifikazzjoni ta' klassi tal-art u tal-baħar ta' ajruplan b'magna b'pistin wieħed ("SEP") lejn rivalidazzjoni taż-żewġ klassifikazzjonijiet "bl-esperjenza". Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 ma jindirizzax din is-sitwazzjoni u lanqas ma jipprovdi ċarezza għal piloti ta' ajruplani anfibji, li toħloq piż bla bżonn fuq id-detenturi tal-liċenzja.

## 2.2. Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni

In-Norveġja tat ir-raġunijiet segwenti biex turi l-bżonn ta' deroga mir-regola kkonċernata: Il-bdoti li jtajru ajruplan b'magna b'pistin wieħed huma mitluba li jkollhom il-klassifikazzjoni valida tal-klassi (SEP) inkluża fil-liċenzja Part-FCL. Il-Parti-FCL tagħmel dispożizzjonijiet għal żewġ klassifikazzjonijiet tal-klassi ta' SEP. Il-klassifikazzjoni (tal-art) SEP għall-ajruplan li jinżlu fuq l-art (li jkollhom ir-roti jew skis) u klassifikazzjoni SEP (tal-baħar) għall-idroplani (b'buq jew sufruni). Il-Parti-FCL ma tagħmel l-ebda provvediment speċifiku dwar l-ajruplani anfibji (li jistgħu jibdlu

([1]) L-Att imsemmi fil-punt 66ne tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat) kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu.

([2]) L-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE kif emendat) kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE bil-Protokoll 1 tiegħu.

l-konfigurazzjoni waqt titjira biex ikunu jistgħu joperaw kemm minn fuq l-art kif ukoll minn fuq l-ilma). Barra minn hekk, bdot li jkun jixtieq jivvalida mill-ġdid il-privileġġi ta' kwalunkwe klassifikazzjoni tal-klassi ta' SEP ikun irid jikkonforma ma' FCL.740.A(b) tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

Barra minn hekk, in-Norveġja ssottomettiet li hija diġà aċċettat li ajruplan amfibju jkun jista' jintuża għar-rivalidazzjoni taż-żewġ klassifikazzjonijiet billi jiġi operat kemm bħala ajruplan li jinżel fuq l-art kif ukoll bħala idroplan biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti. Fil-każ ta' ajruplan amfibju, il-karatteristiċi tal-ajruplan għas-sigħat ta' titjir fuq ir-rotta jkunu identiċi. Huwa biss il-fażijiet tas-sewqan fuq l-art, it-tlugħ u l-inżul/l-inżul tal-passiġġieri li huma differenti. Id-dispożizzjonijiet ta' FCL. 740.A(b)(2) diġà jirrikonoxxu li l-esperjenza miksuba f'ajruplani kemm fil-klassifikazzjoni SEP (tal-art) jew TMG jistgħu jintużaw biex jivvalidaw mill-ġdid kemm il-klassifikazzjoni SEP kif ukoll TMG. Ir-rekwiżiti għandhom jirriflettu dak li huwa komuni u dak li hu differenti bejn il-klassijiet.

L-Aġenzija, wara li analizzat it-talba għal deroga, qablet li l-obbligu fuq bdot li jkollu ż-żewġ klassifikazzjonijiet tal-klassi biex ilesti r-rekwiżiti kollha ta' esperjenza fit-titjir stabbiliti fl-FCL.740.A(b) kemm f'ajruplani li jinżlu fuq l-art kif ukoll f'idroplani mhux meħtieġ u jitfa' piż mhux raġonevoli fuq id-detentur tal-liċenzja.

Barra minn dan l-Aġenzija nnotat li l-kompitu tat-tfassil tar-regoli FCL.002 li għaddej bħalissa diġà ppropona li tiġi emendata d-dispożizzjoni ta' FCL.740 A(b) biex tkun tinkludi dispożizzjonijiet għar-rivalidazzjoni bl-esperjenza fil-każ ta' bdoti li jkollhom kemm is-SEP (fuq l-art) kif ukoll is-SEP (fuq il-baħar).

Għaldaqstant, l-Aġenzija kkonkludiet fir-rakkomandazzjoni tagħha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li bil-proposta tan-Norveġja l-livell ta' protezzjoni se jinżamm.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Id-deroga proposta mid-dispożizzjonijiet ta' punt FCL.740.A(b) tal-Anness I (Part-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, hija intiża li tippermetti lill-piloti fil-kmand sigħat bi klassi waħda li jiġu kkreditati b'ħamsa mis-sitt sigħat tal-oħra.

Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' FCL.740.A(b)(3) tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 għandhom japplikaw b'dan is-sotto-paragrafu li ġej:

"(3) Meta applikant ikollu klassifikazzjoni ta' klassi kemm ta' ajruplan b'magna waħda bil-pistin tal-art kif ukoll klassifikazzjoni ta' klassi ta' ajruplani b'magna waħda bil-pistin tal-baħar, huma jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' FCL.740(b)(1)(ii) biex jiġu vvalidati mill-ġdid iż-żewġ klassifikazzjonijiet billi jlestu, fi żmien 12-il xahar qabel id-data ta' skadenza tal-klassifikazzjoni, 12-il siegħa ta' ħin ta' titjir fuq ajruplani b'magna waħda bil-pistin, inklużi:

— Sitt (6) sigħat bħala pilota fil-kmand f'ajruplani b'pistin wieħed li minnhom tal-inqas siegħa (1) tkun f'ajruplan li jinżel fuq l-art jew f'amfibju li jkun imħaddem bħala ajruplan li jinżel fuq l-art u mill-anqas siegħa (1) tkun f'idroplan jew f'amfibju mħaddem bħala idroplan, kif ukoll

— 12-il tlugħ u nżul fuq l-art u 12-il telgħa u nżul fuq l-ilma, kif ukoll

— titjira ta' taħriġ ta' mill-inqas siegħa ma' għalliem tat-titjir (FI) jew ma' għalliem tal-klassifikazzjoni tal-klassi (CRI). Din it-titjira ta' taħriġ tista' titlesta f'ajruplan b'magna waħda bil-pistin, idroplan jew amfibju. L-applikanti jkunu eżentati minn din it-titjira jekk ikunu għaddew minn verifika ta' profiċjenza ta' klassifikar ta' klassi jew ta' tip jew test ta' ħiliet jew valutazzjoni tal-kompetenza fi klwalunkwe klassi oħra jre tip ta' ajruplan."

4. KUNDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

Din id-deroga tapplika għad-detenturi tal-liċenzji maħruġa skont l-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati kollha tal-EFTA jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet deskritti fil-punt 4.

**DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA**

**Nru 545/14/COL**

**tat-8 ta' Diċembru 2014**

**li tawtorizza lill-Iżlanda biex tidderoga minn ċerti regoli komuni ta' sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, kif emendata) u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 362/14/COL tal-14 ta' Settembru 2014 [2015/1946]**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 14(6) u (7) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011,

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE kif emendat;

u l-Artikolu CAT.POL.A.210(b)(2), (b)(4) u (b)(5) tal-Anness IV tal-Att imsemmi fil-punt 66nf tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2013 tal-15 ta' Lulju 2013,

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat;

it-tnejn kif adattati għall-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA mogħtija fit-3 ta' Settembru 2014.

Billi:

(1) L-Iżlanda talbet li tapplika ċerta deroga mir-regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili inklużi fir-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(2) F'konformità mal-Artikolu 14(7) ta' dak ir-Regolament, kif adattat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA evalwat il-ħtieġa għad-deroga mitluba, u l-livell ta' protezzjoni li joħroġ minnha, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni maħruġa fis-17 ta' Ġunju 2011, il-31 ta' Lulju 2014 u t-12 ta' Novembru 2014. L-Awtorità kkonkludiet li l-varjazzjoni tkun tipprovdi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dik miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni, sakemm ċerti kondizzjonijiet jiġu ssodisfati.

(3) F'konformita mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati kollha tal-EFTA, li għandhom jkunu intitolati wkoll japplikaw din id-deroga.

(4) F'konformità mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, meta l-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jiskambjaw informazzjoni fuq deċiżjoni li tittieħed skont l-Artikolu 14(7), il-Kummissjoni Ewropea tikkomunika l-informazzjoni li tkun waslet mingħand l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE, u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tikkomunika l-informazzjoni li rċiviet mill-Kummissjoni Ewropea lill-Istati tal-EFTA.

(5) Id-deskrizzjoni tad-deroga, kif ukoll il-kondizzjonijiet marbuta magħha, għandhom ikunu tali li jippermettu lil Stati oħra tal-EFTA li japplikaw dik il-miżura meta dawn isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' iktar approvazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Madankollu, l-Istati tal-EFTA għandhom jinnotifikaw l-applikazzjoni tad-derogi peress li jista' jkollhom effetti barra dak l-Istat.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'din id-Deċiżjoni, id-Deċiżjoni Nru 362/14/COL hi revokata.

*Artikolu 2*

L-Iżlanda tista' tidderoga mill-obbligi tal-Artikolu CAT.POL.A. 210(b)(2), (b)(4) u (b)(5) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, sakemm ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

L-Istati kollha tal-EFTA jkunu intitolati japplikaw l-istess miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u suġġett għall-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Iżlanda. Hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Helga JÓNSDÓTTIR | Xavier LEWIS |
| *Membru tal-Kulleġġ* | *Direttur* |

*ANNESS*

**DEROGA MILL-IŻLANDA MIR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 965/2012 FIR-RIGWARD TAT-TNEĦĦIJA TA' OSTAKLI WAQT IT-TLUGĦ TAL-AJRUPLANI FL-AJRUPORT TA' ÍSAFJÖRÐUR, L-IŻLANDA (BIIS)**

1. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

L-Iżlanda tista', b'deroga mill-Artikolu CAT.POL.A.210(b)(2), (b)(4) u (b)(5) Distanza mill-ostakoli waqt it-tlugħ tal-Anness IV (il-Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 ([1]), kif emendat, tippermetti lill-operatur tal-ajru Air Iceland (*Flugfélag Íslands*) biex juża angolu ta' timjil ta' 25 grad fil-livell ta' 100 pied għall-ajruplani tiegħu F50 u Dash 8 fl-ajruport ta' Ísafjörður, l-Iżlanda (BIIS), biex ikun hemm konformità mal-obbligi rigward id-distanzi mill-ostakoli waqt it-tlugħ speċifikati fl-Artikolu CAT.POL.A.210 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

2. KUNDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

Id-deroga hija ristretta fir-rigward tal-kundizzjonijiet operattivi għall-ajurport ta' Ísafjörður, l-Iżlanda (BIIS), fir-rigward tal-kriterji tal-ogħla limiti tal-valuri minimi tat-temp u tal-viżibilità, u tal-kriterji tar-riħ u l-kontaminazzjoni fuq ir-runway kif deskritt fir-"Rapport ta' Evalwazzjoni Operattiva" tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni, li jġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2011.

Din id-deroga tapplika għall-operatur tal-ajru Air Iceland (*Flugfélag Íslands*) fuq il-bażi tal-miżuri addizzjonali implimentati mill-operatur tal-ajru biex jinkiseb livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak milħuq permezz tal-applikazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 965/2012 kif emendat. Il-miżuri addizzjonali jirrigwardaw il-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru, is-selezzjoni u t-taħriġ tal-ekwipaġġ, il-kwalifiki tal-ekwipaġġ u l-perjodu ta' validità tal-kompetenza, ir-restrizzjonijiet MEL (listi tat-tagħmir minimu) tal-inġenji tal-ajru, is-sistema tal-kwalità u s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-operatur tal-ajru, proċeduri operattivi addizzjonali u għoti ta' informazzjoni b'mod elettroniku lill-ekwipaġġ għall-operazzjoni lejn BIIS u huma deskritti fir-Rapport ta' Evalwazzjoni Operattiva tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni, msemmi aktar 'l fuq.

---

([1]) L-Att imsemmi fil-punt 66nf tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 (ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 800/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013 u mir-Regolament (UE) Nru 83/2014 tad-29 ta' Jannar 2014, kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("ir-Regolament (UE) Nru 965/2012").

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT